

Brussell, 15 ta' Marzu 2018
(OR. en)

7201/18

PUBLIC 9
INF 31

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - DIĊEMBRU 2017

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2017.¹²

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'DIĊEMBRU 2017

It-3581 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Diċembru 2017

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE (Test b'relevanza għaż-ŻEE) ĠU L 345, 27.12.2017, p. 53–86	42/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni mis-Slovenja u l-Greċja

Fil-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Ellenika minn dejjem żammew il-pożizzjoni li daww l-Istati Membri tal-UE, bħas-Slovenja u l-Greċja, fejn in-navigazzjoni interna tkun attività limitata u mhux frekwenti, użata prinċipalment għal finijiet lokali jew/u staġjonali f'passaġġi fuq l-ilma bl-ebda rabta mal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Istati Membri l-oħra, għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jittrasponu u jimplementaw id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE.

Barra l-fatt li ma għandhomx passaġġi fuq l-ilma interni konnessi man-netwerk navigabbli tal-Istati Membri l-oħra, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Ellenika huma eżentati mit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE fil-qasam tal-passaġġi fuq l-ilma interni u s'issa għadhom ma ttrasponew u ma implimentaw l-ebda rekwiżit leġislattiv rilevanti.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u sakemm in-navigazzjoni fuq passaġġi fuq l-ilma interni fit-territorju tagħhom ma tkunx teknikament possibbli f'konformità mal-klassifikazzjoni tal-Unjoni ta' passaġġi fuq l-ilma interni u kif iddikjarat b'mod ċar fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta leġislattiva rispettiva, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Ellenika jikkunsidraw li ma hemm l-ebda hteġa li jittrasponu d-Direttiva u ma għandhomx ikunu obbligati jagħmlu dan.

Kif għe ddikjarat f'diversi okkażjonijiet waqt in-negozjati rispettivi fi ħdan il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Ellenika jixtiequ jissottolinjaw li l-obbligu ta' traspożizzjoni u implimentazzjoni ta' din id-Direttiva f'każijiet ta' Stati Membri bħas-Slovenja u l-Greċja jimponi piż amministrattiv sproporzjonat u bla bżonn, u ma jagħti l-ebda valur miżjud ġustifikat għas-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni fl-UE jew għall-mobbiltà tal-ħaddiema.

Deċiżjoni (UE) 2017/2380 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Novembru 2017 li temenda d-Direttiva 2010/40/UE fir-rigward tal-perijodu għall-adozzjoni ta' atti delegati (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) ĠU L 340, 20.12.2017, p. 1-3	52/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2017/2391 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 fir-rigward tat-tipoloġiji territorjali (Tercet) ĠU L 350, 29.12.2017, p. 1-6	49/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2017/2321 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ĠU L 338, 19.12.2017, p. 1-7	50/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-transizzjoni Il-Kummissjoni tfakkar li l-metodu l-ġdid għandu l-għan li jżomm protezzjoni kontinwa tal-industrija tal-Unjoni kontra l-prattiki kummerċjali żleali, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw f'distorsjonijiet sinifikanti tas-suq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ser tiżgura li l-industrija tal-Unjoni ma ġġarrab ebda piż addizzjonali meta tkun qed tfittex il-protezzjoni offruta mill-istrument tal-antidumping, b'mod partikolari fil-kuntest ta' talbiet potenzjali ta' rieżami fid-dawl tal-iskadenza tal-miżuri mdaħħla wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-metodu l-ġdid.			
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 23 u dwar l-interazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill Il-Kummissjoni ser tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull darba li jkun biġsiebha tistabbilixxi jew taġġorna rapport skont l-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku. Meta l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jgħarrfu lill-Kummissjoni li huma jqisu li l-kondizzjonijiet għall-istabbiliment jew l-aġġornament ta' rapport skont l-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku jkunu ssodisfati, il-Kummissjoni tiegħu l-azzjoni xierqa u tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.			

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rapporti stabbiliti skont l-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku Il-Kummissjoni ser tagħmel użu malajr mill-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku, li tħejji rapporti dwar id-distorsjonijiet sinifikanti, sabiex il-partijiet interessati jkollhom dawn ir-rapporti meta jħejju l-osservazzjonijiet li għalihom jista' japplika l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku. Hija ser tipprovdi lill-partijiet interessati bi gwida dwar l-użu ta' dawn ir-rapporti.	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali stabbilit skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport fir-rigward tas-sede tas-Segretarjat Permanenti	14124/17
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fis-sebġha u tletin laqgħa tal-Komitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ħajja Ferjali Ewropea u tal-Abitati Naturali fir-rigward ta' emenda għall-Appendiċi II tal-Konvenzjoni	14671/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2301 tal-4 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 68 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ĠU L 329, 13.12.2017, p. 45-48	14346/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2234 tal-4 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2382 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) ĠU L 319, 5.12.2017, p. 80-80	14358/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress tal-implimentazzjoni tan-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) għat-trasport	15425/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport	15431/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programmi Galileo u EGNOS u tal-prestazzjoni tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea"	15435/17

It-3582 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fil-5 ta' Diċembru 2017**ATTI LEĠISLATIVI**

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku		B'unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7-22	14126/17		
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2459 tal-5 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 348, 29.12.2017, p. 32-33	14127/17		
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2454 tal-5 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 348, 29.12.2017, p. 1-6	14128/17		

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-artikolu 2 tad-Direttiva emendatorja

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli ta' implimentazzjoni dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2 f'Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill biex jingħata sostenn għall-emendi għad-Direttiva 2006/112/KE li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' adozzjoni f'waqtha ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 2020 sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tiegħu mill-2021.

Għalhekk, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tibda tħejji tali regoli ta' implimentazzjoni mingħajr dewmien u, b'kont meħud tal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar, tikkonsulta man-negozji kkonċernati u l-Istati Membri fit-tħejjija ta' dawn ir-regoli.

Fir-rigward, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet relatati ma' interfaċċi elettroniċi bħal post tas-suq, pjattaforma, portal jew mezzi simili, l-elementi li ġejjin għandhom, fost oħrajn, jiġu kkunsidrati fir-regoli ta' implimentazzjoni:

- Definizzjoni tas-sitwazzjoni fejn persuna taxxabbli tkun kkunsidrata li tiffaċilita l-bejgħ ta' oġġetti permezz tal-użu ta' interfaċċa elektronika;
- Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-suppożizzjoni li t-twassil jew it-trasport tal-oġġetti ser ikunu marbuta mal-provvista permezz tal-interfaċċa elektronika lill-klijent fejn interfaċċa elektronika hija użata biex tiffaċilita l-bejgħ ta' oġġetti;
- Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kondizzjonijiet biex jiġi determinat meta l-ħlas jiġi aċċettat, u l-obbligi ġenerali għal interfaċċi elettroniċi, fejn interfaċċa elektronika hija użata biex tiffaċilita l-bejgħ ta' oġġetti u hi meqjusa li rċeviet u forniet il-oġġetti hija stess;
- It-tip ta' informazzjoni li għandha tinżamm fir-reġistru ta' persuni taxxabbli li jiffaċilitaw il-fornimenti ta' oġġetti u servizzi lil persuni mhux taxxabbli fil-Komunità permezz tal-użu ta' interfaċċa elektronika, b'kont meħud ta' liema informazzjoni hija disponibbli għal dawn il-persuni taxxabbli, hija rilevanti għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u hija proporzjonata għall-għan tad-dispożizzjoni, kif ukoll b'kont meħud tal-ħtieġa ta' konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) 2016/679.

Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi żgurata li l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda, inkluż fir-rigward ta' konformità, ma għandhiex tkun ta' żvantaġġ għan-negozji stabbiliti fl-UE.

Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tipprovdi l-qafas meħtieġ għall-implimentazzjoni tas-Sistemi Doganali rilevanti u biex tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom bil-għan li jiġi żgurat li dawn is-sistemi essenzjali jkunu fis-seħħ sal-2021 biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Punt Uniku ta' Kuntatt dwar l-importazzjoni minn dik id-data.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jagħmlu hilitom biex jiżguraw li:

- id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 2 tad-Direttiva emendatorja jiġu adottati sa tmiem l-2019, u
- l-aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Importazzjoni tal-KDU msemmija fir-ringiela 14 tat-Tabella fil-punt II tal-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi l-Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, inkluż l-emendi neċessarji tal-mudell tad-data għall-messaġġi, jiġu implimentati b'mod f'waqtu.

Jekk ma jkunx jidher probabbli li l-adozzjoni ta' regoli ta' implimentazzjoni dettaljati għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva emendatorja tista' tinkiseb f'perijodu raġonevoli ta' żmien jew li s-sistemi meħtieġa tal-IT tad-Dwana u tal-VAT jidħlu fis-seħħ b'mod f'waqtu, il-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn tmiem l-2019, ser tivvaluta jekk dan l-Artikolu jistax jiġi applikat b'mod korrett xorta waħda mill-1 ta' Jannar 2021.

Skont din il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jistieden lill-Kummissjoni sabiex tressaq quddiemu, bħala kwistjoni ta' urġenza, proposta għall-emenda tad-Direttiva 2006/112/KE, bil-ħsieb ta' posponiment parzjali jew sħiħ tal-applikazzjoni tal-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva emendatorja.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi t-tħassib tal-Kunsill u ser tagħtih l-akbar konsiderazzjoni sabiex jittieħdu azzjonijiet xierqa bħala kwistjoni ta' urġenza.

Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, sabiex jintgħelbu l-frodi tal-VAT u jilqa' f'dan ir-rigward l-intenzjoni tal-Kummissjoni, espressa fil-komunikazzjoni tagħha "Dwar is-segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT. Lejn żona unika tal-VAT fl-UE — Iż-żmien tal-azzjoni", li tippreżenta, qabel tmiem l-2017, proposta legiſlattiva li ssaħħaħ il-mezzi legali u operazzjonali fil-qasam tal-kooperazzjoni amministrattiva, inklużi investigazzjonijiet amministrattivi, biex jiġġieldu b'mod aktar effettiv kontra l-frodi tal-VAT. Il-Kunsill f'dan ir-rigward ifakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2016.

Dikjarazzjoni minn Malta u Ċipru

Issir referenza għad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-Artikolu 2 tal-abbozz tad-Direttiva, b'mod partikolari, l-aħħar paragrafu tiegħu li jittratta l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.

Malta u Ċipru jappoġġaw bis-sħiħ it-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva u jistiednu lill-Kummissjoni biex tikkunsidra b'mod pożittiv fi kwalunkwe proposta futura dwar il-kwistjoni, li jiġi pprovdut kumpens adegwat f'każijiet ta' piż sproporzjonat fuq Stat Membru; kif diġà espress fil-proposta oriġinali tal-1 ta' Diċembru 2016 (fejn ir-regoli msaħħa proposti dwar inkjesti amministrattivi fl-Istati Membri ta' identifikazzjoni kienu akkumpanjati minn tariffa ta' retenzjoni adegwata mingħand l-Istati Membri tal-konsum; b'kumpens għall-ispejjeż tal-ġbir u tal-kontroll).

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali"	15445/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa	14481/17
Deċiżjoni (UE) 2017/2381 tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 340, 20.12.2017, p. 4-5	14382/17
Dikjarazzjoni mill-Kunsill Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja huma ġrien, sħab kummerċjali dinamiċi kif ukoll partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li għandu l-għan li jippromwovi tisħiħ kontinwu u bilanċjat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-Partijiet Kontraenti. Minħabba dawn ir-relazzjonijiet mill-qrib, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tal-pretensjonijiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi kkunsidrat bħala wieħed speċifiku u għaldaqstant il-Kunsill jiddikjara li dan il-Ftehim ma jikkostitwixxix preċedent għal ftehimiet futuri f'dan il-qasam bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi. B'mod partikolari, kwalunkwe ftehim futur possibbli dwar skambju ta' informazzjoni mmirata permezz tan-netwerk tal-Eurofisc stabbilit skont il-Kapitolu X tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju u possibbli għall-ġlieda kontra l-frodi transfruntier bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi.	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)	14789/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana	14802/17

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa"	15429/17		
ĠU C 438, 19.12.2017, p. 5-24			
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2429 tal-5 ta' Diċembru 2017 li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/713/KE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fir-Renju Unit	14852/17		
ĠU L 344, 23.12.2017, p. 6-8			
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 bil-ħsieb li tiġi korretta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-pjan ta' aġġustament lejn l-oġettiv baġitarju fuq terminu medju fir-Rumanija	14853/17		
ĠU C 439, 20.12.2017, p. 1-3			
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2389 tal-5 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi li ma ttieħdet l-ebda azzjoni effikaċi mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-16 ta' Ġunju 2017	14854/17		
ĠU L 340, 20.12.2017, p. 49-50			
It-3583 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) li saret fi Brussell fis-7 u t-8 ta' Diċembru 2017			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Direttiva (UE) 2017/2398 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	45/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: HR, PL, UK
ĠU L 345, 27.12.2017, p. 87-95			
Regolament (UE) 2017/2395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' arranġamenti transizzjonali biex jittaffa l-impatt tal-introduzzjoni tal-IFRS 9 fuq il-fondi proprji u għat-trattament tal-iskoperturi l-kbar ta' ċerti skoperturi fis-settur pubbliku denominati f'muniti differenti minn dawk domestiċi tal-Istati Membri	59/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: UK
ĠU L 345, 27.12.2017, p. 27-33			

Direttiva (UE) 2017/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-istrumenti ta' dejn mhux garantiti fil-ġerarkija tal-insolvenza ĠU L 345, 27.12.2017, p. 96-101	57/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2017/2305 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda d-Direttiva (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward it-tibdil fir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u fir-riżorsi għall-investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea ĠU L 335, 15.12.2017, p. 1-5	53/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament 2017/2306 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 230/2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi ĠU L 335, 15.12.2017, p. 6-10	54/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: UK
Dikjarazzjoni dwar is-sorsi ta' finanzjament ta' miżuri ta' assistenza skont l-Artikolu 3a tar-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp għandu jiġi ffinanzjat fi ħdan l-Intestatura IV tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, prinċipalment permezz ta' riallokazzjonijiet, filwaqt li jiġi ppreservat, kemm jista' jkun possibbli, il-bilanċ finanzjarju fost l-istrumenti kollha. Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja fil-proċedura baġitarja annwali, tali riallokazzjonijiet ma għandhomx jinkludu l-użu ta' approprjazzjonijiet allokatu għal miżuri skont ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perijodu 2014-2020.			

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 14/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Analiżi tal-Prestazzjoni tal-ġestjoni ta' kawżi fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea"	14833/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri msaħħa biex tonqos is-segregazzjoni orizzontali tas-sessi fl-educazzjoni u l-impjiegi	15468/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tax-Xogħol: "Making it e-Easy"	15506/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-Appoġġ u l-Kura Bbażati fil-Komunità għal Għajxien Indipendenti	15563/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħħa fis-Soċjetà Diġitali — nagħmlu progress fl-innovazzjoni xprunata mid-data fil-qasam tas-saħħa ĠU C 440, 21.12.2017, p. 3-9	14079/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aspetti transkonfinali tal-politika dwar l-alkoħol — l-indirizzar tal-użu dannuż tal-alkoħol ĠU C 441, 22.12.2017, p. 3-7	14083/17
Dikjarazzjoni mill-Italja L-Italja tapprezza l-intenzjoni tal-Presidenza Estonjana li tindirizza din il-kwistjoni ta' rilevanza kbira għall-politika dwar is-saħħa pubblika - il-ġlieda kontra ċerti aspetti tal-użu dannuż tal-alkoħol - u għalhekk ma rridux inkunu ta' xkiel għall-adozzjoni tal-abbozz tal-Konklużjonijiet. Madankollu, inħossuna obbligati li nesprimu d-dispjaċir tagħna dwar il-fatt li ċerti aspetti li aħna nqisuhom importanti ma ġewx inklużi jew enfasizzati bis-sħiħ fit-test ta' dawn il-konklużjonijiet. Dawn il-punti joħorġu mill-esperjenza pożittiva tagħna fl-Italja, fejn, minkejja xi tendenzi ta' tħassib dwar il-konsum eċċessiv, speċjalment fost iż-żgħażaġh, il-medja tal-konsum kienet fost l-aktar baxxi fl-Ewropa u limitata għal użu moderat u responsabbli ta' xorb b'kontenut baxx ta' alkoħol bħala parti minn dieta u stil ta' ħajja sani.	

Xtaqna għalhekk li l-konklużjonijiet jenfasizzaw il-punt li livell sikur ta' konsum ta' alkoħol ma jwassalx għal żieda sinifikanti f'riskji għas-saħħa. Dan ukoll kien ikun jikkonforma mal-parir u l-lingwaġġ użat minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħad-WHO, li dejjem jirreferu għall-użu dannuż tal-alkoħol, u mhux għall-konsum tiegħu fih innifsu.

L-Italja temmen ukoll li, sabiex tkun garantita l-effettività tal-politiki pubbliċi dwar il-prevenzjoni u l-komunikazzjoni, speċjalment dawk immirati lejn iż-żgħażaġħ, huwa essenzjali li jiġi adottat approċċ transsettorjali li jinkludi dawk il-partijiet interessati tal-industrija.

Barra minn hekk, aħna nqisu li l-adozzjoni ta' miżuri fiskali fiha nfisha mhijiex pass effettiv ippruvat, u li għall-kuntrarju tali miżuri jistgħu jistimulaw metodi ta' provvista illegali, inkluż permezz ta' kanali alternattivi, biex b'hekk titpoġġa fir-riskju s-saħħa tal-konsumaturi.

Nemmnu wkoll li jkun prematur li nindirizzaw il-kwistjoni tat-tikkettar, peress li l-proposta mill-industrija tax-xorb mistennija tasal fl-ewwel xhur tas-sena d-dieħla.

Intennu l-fatt li kull inizzjattiva nazzjonali ta' tikkettar ma għandhiex tikser il-prinċipji tal-moviment liberu ta' oġġetti bejn l-Istati Membri, kif previst fit-Trattati.

L-Italja gentilmment titlob li din id-dikjarazzjoni tiġi inkluża fil-minuti tal-laqgħa.

It-3584 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ġustizzja u Affarijiet Interni) li saret fi Brussell fis-7 u t-8 ta' Diċembru 2017

ATTI LEĖISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2269 tas-7 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2018–2022 ĠU L 326, 9.12.2017, p. 1-4	14423/16	B'unanimità	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-analiżi tal-Qafas Pluriennali li għandha ssir fiż-żmien tal-adozzjoni u tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Skont l-Artikolu 30 (3) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 ("ir-Regolament") ser issir evalwazzjoni esterna indipendenti tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali ("FRA") fl-2017. Kif stipulat fl-Artikolu 31(2) tar-Regolament, il-Kummissjoni, wara li tkun ivvalutat ir-rapport ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet li jsiru fuq dik il-bażi mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, tista' tikkunsidra li tressaq kwalunkwe proposta għal emendi għar-Regolament li tqis meħtieġa.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill jaqbel li ser iqis bir-reqqa kull proposta għal emendi għar-Regolament li l-Kummissjoni taf tiddeċiedi li tressaq, fosthom dawk fil-mandat tal-Aġenzija li tkopri l-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Il-Kunsill jaqbel ukoll li ser jikkunsidra bir-reqqa kull proposta għat titjib tal-proċeduri għall-governanza u l-funzjonament tal-Aġenzija.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar minoranzi nazzjonali li għandha ssir fiż-żmien tal-adozzjoni u tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ma għandhiex l-intenzjoni li tiddefinixxi l-kunċett ta' "minoranza nazzjonali" u għalhekk l-attivitajiet tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali skont l-Artikolu 2(b) la jaffettwaw id-definizzjoni u lanqas l-eżistenza tat-terminu "minoranza nazzjonali" kif previst mil-liġi nazzjonali, u lanqas id-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri f'dan ir-rigward.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha minħabba n-nuqqas ta' qbil dwar l-inklużjoni tal-oqsma tematiċi ġodda proposti tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali fil-Qafas Pluriennali għall-2018-2022 tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali.

Il-Kummissjoni tfakkar li wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali saru parti mil-liġi tal-Unjoni u għaldaqstant huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti tal-Aġenzija, bħall-oqsma kollha li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007.

Jekk dawn l-oqsma tematiċi ma jiġux inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas Pluriennali għall-Aġenzija għall-2018-2022, l-Aġenzija ser tkompli twettaq ix-xogħol tagħha f'dawn l-oqsma fuq talba mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007.

Wara l-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija fl-2017, il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapporti tal-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni u tagħmilhom pubbliċi.

Wara li tkun ivvalutat ir-rapport ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tippreżenta kwalunkwe proposta għal emendi għar-Regolament (KE) Nru 168/2007 li hija tikkunsidra meħtieġa, kif previst fl-Artikolu 31(2) tiegħu.

Dikjarazzjoni mill-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Portugall, is-Slovenja, l-Iżvezja, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Irlanda.

L-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Portugall, is-Slovenja, l-Iżvezja, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Irlanda jiddispjaċihom li l-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali ma setgħux jiġu inklużi fil-Qafas Pluriennali tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, minkejja l-fatt li dawn l-oqsma huma partikolarment sensittivi mill-perspettiva tad-drittijiet fundamentali u, għalhekk, għandhom ikunu parti mill-attivitajiet regolari tal-Aġenzija. Barra minn hekk, ta' min wiehied jiftakar li l-Aġenzija hija diġà attiva f'dawn l-oqsma fuq talba skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007.

L-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Portugall, is-Slovenja, l-Iżvezja, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Irlanda jtennu l-appoġġ tagħhom għall-inklużjoni tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali fl-oqsma ta' attivitajiet tal-Aġenzija u ser jerġgħu lura għal din il-kwistjoni fil-kuntest tal-proposti għal emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007. Nistiednu lill-Kummissjoni tressaq proposta għal dan il-għan, wara l-evalwazzjoni esterna indipendenti li għandha ssir fl-2017.

ATTI MHUX LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-intensifikar tal-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' prodotti tat-tabakk fl-UE	15638/17

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-appoġġ espress mill-Kunsill għall-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, u b'mod speċjali "cheap whites", li jibqa' fenomenu inkwetanti.

Il-Kummissjoni b'mod partikolari tilqa' l-inkoraġġiment tal-Kunsill għall-promozzjoni tal-Protokoll tal-FCTC f'pajjiżi terzi (partikolarment il-pajjiżi tas-sors u tat-tranżitu ewlenin).

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni madankollu jiddispjaċiha li internament, il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri sempliċement biex jikkunsidraw li jirratifikaw u jimplimentaw il-Protokoll tal-FCTC.

Mill-perspettiva tal-Kummissjoni, din id-dikjarazzjoni tiddubita l-koerenza tal-azzjoni esterna u interna tal-UE u l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali. Barra minn hekk toħloq diffikultajiet ta' interpretazzjoni legali, b'mod partikolari fir-rigward tan-natura vinkolanti ta' ftehimiet konklużi mill-Unjoni, kif previst mill-Artikolu 216(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija jiddispjaċiha bis-siġh li l-Kummissjoni Ewropea rrifjutat li tiġi posposta l-votazzjoni dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-istandards tekniċi għall-istabbiliment u t-tħaddim ta' sistema ta' traċċabbiltà għal prodotti tat-tabakk li għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk (2014/40/UE). Il-votazzjoni, li ntemmet fid-29 ta' Novembru 2017, sfortunatament twitti t-triq għal Sistema ta' Traċċar u Rintraċċar li hija għalja ħafna, ikkomplikata, u fuq kollox, ma hija bl-ebda mod xierqa għall-għanijiet tagħha: il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk. L-Ungerija tfakkar li t-tendenza l-aktar serja f'dan il-kummerċ illeċitu hija l-kuntrabandu ta' "cheap whites", u li s-Sistema għalja ta' Traċċar u Rintraċċar li ser ikollna napplikaw mill-20 ta' Mejju 2019 mhi ser tagħmel xejn biex tiġġieled din it-tendenza.

Huwa wkoll ta' dispjaċir li, minkejja l-impenn meħud mill-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tad-Diretturi Ġenerali tad-Dwana, u t-talbiet ripetuti mill-Ungerija (inklużi fid-Dikjarazzjoni konġunta tad-diretturi doganali Ungeriżi, Pollakki u Slovakki appoġġati fil-prinċipju minn 11-il Stat Membru), il-possibiltà li jkun hemm dibattitu sostantiv dwar l-aspetti tal-kompetittività u l-possibiltà ta' distorsjoni qawwija tal-kompetizzjoni għad-detriment ta' produttori żgħar fil-fora adatti tal-Kunsill ġiet miċħuda.

L-Ungerija tixtieq ittenni d-dikjarazzjoni li għamlet waqt il-Kunsill Kompetittività fit-30 ta' Novembru 2017, b'mod partikolari li:

- is-Sistema ta' Traċċar u Rintraċċar mhix ser issolvi l-problema tal-kummerċ illeċitu fis-suq globali tat-tabakk minħabba li ma hija garantita l-ebda interoperabbiltà permezz tal-iskemi mħaddma minn pajjiżi terzi;
- is-Sistema ta' Traċċar u Rintraċċar b'mod skandaluż ser tiffavorixxi kemm lill-korporazzjonijiet il-kbar tat-tabakk (li bil-probabbiltà kollha jwassal għal aktar konsolidazzjoni tal-industrija), u l-kumpanija/i kbira/kbar li ser timplimenta/jimplimentaw is-sistema fil-livell tekniku fir-rigward ta' sistema diġà eżistenti;
- produttori żgħar, għall-kuntrarju ta' korporazzjonijiet kbar, m'għandhomx fis-seħħ sistema ta' traċċar u rintraċċar u ser ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' spejjeż operattivi kbar, li jheddu s-sopravivenza tan-negozji tagħhom. Fl-Ungerija waħedha, l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Traċċar u Rintraċċar tipperikola madwar 30,000 impjieg. Il-flessibbiltajiet previsti fir-regolament ta' implimentazzjoni ma joffrux soluzzjoni li tagħmel l-investment intermittenti neċessarju wieħed sostenibbli għan-negozji ż-żgħar.

F'dan il-kuntest, l-Ungerija thegġegħ lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib il-konsegwenzi kefrin tas-Sistema ta' Traċċar u Rintraċċar li produttori żgħar u l-ħaddiema tagħhom se jrin inevitabbilment iġarrbu u biex, mill-aktar fis possibbli, tipproponi soluzzjonijiet xierqa biex jiġu mitigati dawn il-konsegwenzi.

L-Ungerija ttenni l-impenn tagħha li tappoġġa l-inizjattivi kollha, li għandu l-għan li jikseb riżultati tanġibbli fil-ġlieda kontra t-tipip u l-kummerċ illeċitu ta' prodotti tat-tabakk.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tan-Netzwerk ATLAS	15627/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-rispons tal-Unjoni Ewropea għar-riskji relatati mas-CBRN, it-tnaqqis tal-aċċess għall-prekursuri tal-isplussivi u l-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi	15648/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Unjoni Ewropea-Ukrajna dwar is-Sigurtà Interna	15615/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tad-Danimarka dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	14228/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 dwar l-applikazzjoni mid-Danimarka tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	14233/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżlanda tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	14783/17
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada għat-trasferiment u l-użu ta' data mir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR), u l-Addendum għaliha	13672/1/17 REV 1
Dikjarazzjoni mill-Irlanda Id-delegazzjoni Irlandiża tinnotta li huwa maħsub li l-Kunsill ser jieħu deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada għat-trasferiment u l-użu tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri f'inqas minn 3 xhur wara l-preżentazzjoni ta' din id-deċiżjoni proposta lill-Kunsill. F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, konxja mill-importanza tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta u filwaqt li tagħraf il-ħtieġa li din tkun tista' tiġi adottata malajr, id-delegazzjoni Irlandiża mhux ser tinsisti, f'dan il-każ, fuq id-dritt tagħha li jkollha tliet xhur li fihom teżerċita l-għażla tal-Irlanda li tinnotifika lill-President tal-Kunsill bix-xewqa tagħha li tipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Protokoll 21 dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.	

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit u l-Irlanda għandhom pożizzjoni speċjali skont il-Protokoll 21 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 3 tal-Protokoll 21 jipprovdi lir-Renju Unit u lill-Irlanda b'perijodu ta' 3 xhur biex jikkunsidraw jekk għandhomx jieħdu sehem f'miżura.

Dak il-Protokoll japplika għad-Deċizzjoni proposta tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada għat-trasferiment u l-użu ta' data mir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni u l-għieda kontra t-terroriżmu u forom serji oħra ta' kriminalità transnazzjonali.

Ir-Renju Unit jiddisputa li ma għex mogħti t-tliet xhur sħaħ, f'konformità mat-Trattati, biex jieħu deċizzjoni dwar jekk jipparteċipax f'din il-miżura.

Madankollu, f'dan il-każ, ir-Renju Unit informa lill-Presidenza li ser jieħu sehem fl-adozzjoni tad-Deċizzjoni tal-Kunsill

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi tat-testamenti	5305/18
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-Uffiċċji SIRENE fil-qafas tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	15560/17
Deċizzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2263 tas-7 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċizzjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia ĠU L 324, 8.12.2017, p. 51-51	13537/17
Deċizzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2264 tas-7 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċizzjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) ĠU L 324, 8.12.2017, p. 52-52	14462/17
Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2265 tas-7 ta' Diċembru 2017 li timplimenta d-Deċizzjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 324, 8.12.2017, p. 53-54	15189/17
Deċizzjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Emenda 1 għall-Memorandum ta' Kooperazzjoni NAT-I-9406 bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea	14030/17

It-3585 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin / Kummerċ) li saret fi Buenos Aires, l-Arġentina fl-10-13 ta' Diċembru 2017			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
L-ewwel Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħdax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ		15630/17	
It-tieni Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħdax-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ		15719/17	
Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-11 sal-14 ta' Diċembru 2017)			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81-104	61/17 (15639/17)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
It-3586 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fi Brussell fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2017			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti ĠU L 350, 29.12.2017, p. 15-49	56/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: BE, NL

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Dwar l-Artikolu 1 - Żvilupp rurali

- Estensjoni tal-perjodu tal-pjanijiet ta' żvilupp rurali

In-nefqa marbuta mal-programmi ta' żvilupp rurali għas-snin 2014-2020 approvata skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 ser tibqa' eliġibbli għall-kontribut tal-FAEŻR jekk titħallas lill-benefiċjarji sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023. Il-Kummissjoni ser tindirizza t-tkomplija tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-2020 'l quddiem fil-kuntest tal-proposta tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss.

- Ġestjoni tar-riskju

Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tirrevedi l-funzjonament u l-effiċjenza tal-għodod ta' ġestjoni tar-riskju li bħalissa huma inklużi fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fil-kuntest tal-proposta tagħha dwar il-modernizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni.

- Penali għal-Leader

Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tirrevedi l-effettività u l-proporzjonalità tal-penali għal-LEADER inklużi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014.

Dwar l-Artikolu 2 - Ir-Regolament Orizzontali

- Riżerva għall-kriżijiet

Il-Kummissjoni tikkonferma li l-operat tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu, u r-rimborż tal-appropriazzjonijiet marbutin mad-dixxiplina finanzjarja kif previst mill-Artikoli 25 u 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ser jiġu riveduti fil-kuntest tat-tħejjijiet għall-QFP li jmiss bil-għan li jingħata lok għal intervent effiċjenti u f'waqtu fi żminijiet ta' kriżi fis-suq.

- Awditjar uniku

Il-Kummissjoni tappoġġa l-istrateġija ta' awditu uniku, kif tikkonferma l-proposta tagħha għall-Artikolu 123 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid. Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll li l-qafas legali attwali għall-ġestjoni u l-kontroll tan-nefqa agrikola, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, diġà jagħti lok għal tali approċċ, u li dan diġà ġie adottat fl-istrateġija tal-awditjar tagħha għall-perjodu 2014-2020. B'mod partikolari, fejn l-opinjoni tal-Korp taċ-Ċertifikazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 titqies affidabbli, il-Kummissjoni tqis din l-opinjoni meta tiġi biex tivvaluta l-bżonn ta' awditi tal-aġenzija tal-pagamenti kkonċernata.

Dwar l-Artikolu 3 - Pagamenti Diretti

- Il-Pjan tal-Proteini

Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tirrevedi l-qagħda tal-provvista u tad-domanda għall-proteini tal-pjanti fl-UE, u li tqis il-possibbiltà li tiġi żviluppata "strateġija Ewropea għall-proteini tal-pjanti" bil-għan li tkompli thegġegħ il-produzzjoni tal-proteini tal-pjanti fl-UE b'mod favorevoli għall-ekonomija u għall-ambjent.

Dwar l-Artikolu 4 - OKS

- Skemi volontarji ta' tnaqqis fil-produzzjoni

Il-Kummissjoni tikkonferma li r-Regolament (UE) 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli diġà jinkludi, fl-Artikoli 219 u 221 tiegħu, il-bażi ġuridika meħtieġa li, soġġett għad-disponibbiltà ta' riżorsi baġitarji, tippermettilha tindirizza d-disturb fis-suq u problemi speċifiċi oħra, inkluż fil-livell reġjonali, bil-possibbiltà li tingħata għajjnuna finanzjarja diretta lill-bdiewa. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni biex tiżdied, mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali, għodda għall-istabbilizzazzjoni tad-dħul speċifika għas-settur, ser tippermetti lill-Istati Membri jinkludu fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom il-possibbiltà li jikkompensaw lill-bdiewa f'settur speċifiku f'każ ta' tnaqqis sinifikanti fid-dħul tagħhom.

Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll li l-Artikolu 219 jippermettilha ddaħħal, f'każ ta' disturb fis-suq jew riskju ta' disturb fis-suq, skemi li fihom tingħata għajjnuna tal-Unjoni lil produtturi li jintrabtu li jnaqqsu l-produzzjoni tagħhom b'mod volontarju, inkluż id-dettalji meħtieġa għall-operat ta' tali skema (Eż.: Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1612, ĠU L 242 tad-9/9/2016, p. 4).

- Ir-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali transnazzjonali

Il-Kummissjoni tfakkar li jeżistu regoli, stipulati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/232, dwar il-kooperazzjoni fost il-produtturi fejn jidħol ir-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi transnazzjonali, tal-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi transnazzjonali, jew tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali transnazzjonali, inkluż il-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa fost l-Istati Membri kkonċernati. L-operat u l-adekwatezza ta' dawn ir-regoli ser jiġu riveduti fil-kuntest tal-proċess li għaddej fuq il-modernizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-PAK.

- Prattiki kummerċjali inġusti

Il-Kummissjoni tikkonferma li varat inizjattiva dwar il-katina tal-provvista tal-ikel, li għaddejja bħalissa mid-diversi stadji meħtieġa mil-linji gwida dwar Regolamentazzjoni Aħjar. Ser tiddeċiedi fuq proposta leġislattiva possibbli ladarba din il-proċedura tkun tlestiet, jekk possibbli fl-ewwel nofs tal-2018.

- Kooperazzjoni fost il-produtturi

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill dwar l-emendi lill-Artikoli 152, 209, 222 u 232. Il-Kummissjoni tinnota li l-emendi miftiehma mill-Parlament u mill-Kunsill huma ta' natura sostanzjali, u li ġew inklużi mingħajr valutazzjoni tal-impatt kif rikjest mill-punt 15 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Dan iwassal għal livell mhux mixtieq ta' inċertezza legali u proċedurali, u l-impatt u l-implikazzjonijiet possibbli tagħha mhumiex magħrufa.

Billi l-bidliet lill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni meħudin flimkien iwasslu għal tibdil sinifikanti tal-qafas legali, il-Kummissjoni tinnota bi tħassib li wħud mid-dispożizzjonijiet il-ġodda favur l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jaf ikollhom l-effett li jipperikolaw il-vijabbiltà u l-benessri tal-bdiewa ż-żgħar, kif ukoll l-interess tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni tikkonferma l-impenn tagħha li tissalvagwardja l-kompetizzjoni effettiva fis-settur agrikolu, u li tagħti effett sħiħ lill-oġettivi tal-PAK stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li l-emendi miftiehma mill-koleġislaturi jipprevedu biss rwol limitat ħafna kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fis-salvagwardja ta' kompetizzjoni effettiva.

Il-qbil ġenerali tal-Kummissjoni dwar il-proposta "Omnibus", inklużi l-emendi miftiehma mill-Parlament u mill-Kunsill, huwa mingħajr ħsara għal kwalunkwe proposta futura li l-Kummissjoni tista' tressaq f'dawn l-oqsma fil-kuntest tar-riforma tal-politika agrikoli komuni għall-perjodu ta' wara l-2020, kif ukoll għal kwalunkwe inizjattiva oħra li tkun maħsuba speċifikament biex tindirizza wħud mill-kwistjonijiet ittrattati mit-test li issa huwa miftiehem bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-kwistjoni tar-rwol limitat ħafna, kemm għall-Kummissjoni u kemm għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, fis-salvagwardja ta' kompetizzjoni effettiva, għadha ma ġietx indirizzata b'mod sodisfaċenti mill-koleġislaturi, u tesprimi tħassib rigward l-implikazzjonijiet possibbli ta' din il-limitazzjoni għall-bdiewa u għall-konsumaturi. Il-Kummissjoni tinnota li t-test legali għandu jiġi interpretat b'mod konsistenti mat-Trattat, speċifikament rigward il-possibbiltà li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jintervjenu jekk organizzazzjoni tal-produtturi, li tkopri sehem kbir mis-suq, tfittex li tirrestrinġi l-libertà tal-membri tagħha biex jaġixxu. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li din il-possibbiltà mhijiex issalvagwardjata biċ-ċar fit-test legali.

Dikjarazzjoni min-Netherlands

In-Netherlands japprezza l-isforzi tal-Presidenza biex tilħaq qbil ta' kompromess dwar id-dispożizzjonijiet agrikoli tal-proposta Omnibus. B'mod partikolari, in-Netherlands jilqa' l-eżiti dwar ir-regolament orizzontali, ir-regolament dwar il-pagamenti diretti u r-regolament dwar l-organizzazzjoni tas-suq komuni.

Madankollu, in-Netherlands għandu tħassib dwar it-tnaqqis tal-limitu ta' ħsara applikabbli għall-assigurazzjoni tal-uċuh tar-raba', l-annimali u l-pjanti minn 30 % għal 20 %. In-Netherlands bħaliessa għandu skema ta' assicurazzjoni għall-istaġuni kollha li taħdem tajjeb b'limitu fis-seħħ ta' 30 %. Jekk jitnaqqas il-limitu ta' ħsara, il-pagamenti ser jiżdiedu u jsiru aktar frekwenti. Din is-sitwazzjoni ser tirriżulta f'żieda fil-premium, li mbagħad tagħmel pressjoni fuq is-sehem tal-bdiewa fl-iskema ta' assicurazzjoni għall-istaġuni kollha. Barra minn hekk, skont ir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), is-sussidju applikat għall-premium ser jiċċaqlaq mill-kaxxa l-ħadra għall-kaxxa l-oranġjo li toħloq distorsjoni fil-kummerċ. Għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq, in-Netherlands jixtieq jastjeni minn vot dwar din il-proposta.

Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew

- Ir-regoli l-ġodda dwar organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-liġi dwar il-kompetizzjoni (CMO)

Il-Parlament Ewropew ifakkar li, skont l-Artikolu 42 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-regoli dwar il-kompetizzjoni japplikaw għall-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli biss sa fejn ikun iddeterminat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, filwaqt li jittieħed kont tal-oġettivi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) kif stipulata fl-Artikolu 39 tal-istess Trattat.

Kif stabbilit fit-Trattat, u f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-oġettivi tal-PAK jipprevalu fuq dawk tal-politika Ewropea dwar il-kompetizzjoni. Madankollu, is-swieq agrikoli mhumex eżentati mill-applikazzjoni tal-liġi dwar il-kompetizzjoni. L-adattament tar-regoli dwar il-kompetizzjoni għall-ispeċifitàjiet agrikoli huwa l-prerogattiva tal-koleġislaturi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

F'dan il-kuntest, il-Parlament Ewropew permezz ta' dan ir-Regolament jipproponi kjarifika tar-relazzjoni bejn ir-regoli dwar il-PAK, b'mod partikolari r-rwol u l-missjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, u l-applikazzjoni tal-liġi Ewropea dwar il-kompetizzjoni. Tali kjarifika hija meħtieġa minħabba l-inċertezzi eżistenti dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli, u hija essenzjali biex jintlaħaq l-oġettiv tal-Unjoni li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel. Il-proposti tal-Parlament Ewropew huma bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tat-Task Force għas-Swieq Agrikoli (AMTF) fl-14 ta' Novembru 2016. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew ibbażati fuq sensiela ta' seduti u kontributi riċevuti mill-atturi kollha fil-katina tal-provvista tal-ikel: il-produtturi, il-proċessuri u l-bejjieġha bl-imnut.

Il-Parlament Ewropew għandu l-għan li jissimplifika u jiċċara l-kondizzjonijiet li skonthom l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-setturi kollha elenkati fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament 1308/2013 jistgħu jwettqu, f'isem il-membri tagħhom, attivitajiet ta' ppjanar tal-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq, in-negozjar ta' kuntratti għall-provvista ta' prodotti agrikoli u l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni. Dawn il-kompiti essenzjalment jirrikjedu l-eżistenza ta' ċerti prattiki, inkluż konsultazzjonijiet interni u l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjali f'dawk l-entitajiet. Għalhekk huwa propost li dawn il-prattiki jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' ftehimiet antikompetittivi, stipulata mill-Artikolu 101(1) TFUE, u li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, li jwettqu mill-inqas attività ekonomika waħda, jibbenefikaw minn deroga mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Madankollu, din id-deroga mhijiex assoluta: l-awtoritajiet tal-kompetittività jżommu l-possibbiltà li jintervjenu jekk iquis li tali attivitajiet x'aktarx jeskludu l-kompetizzjoni jew jipperikolaw l-oġettivi tal-PAK.

Ir-rwol u l-missjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u r-relazzjoni tagħhom mal-liġi dwar il-kompetizzjoni huma b'hekk iċċarati. Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi istituzzjonali tal-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew iqis li r-regoli l-ġodda ma jirrikjedux kjarifika ulterjuri fil-forma ta' linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea.

Regolament 2017/2396 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll l-introduzzjoni ta' titjib tekniku għal dak il-Fond u għaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti ĠU L 345, 27.12.2017, p. 34-52	58/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
---	-------	------------------------	------------------------------

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar iż-żieda ta' EUR 225 miljun tal-programm Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

Bħala riżultat tal-ftehim politiku bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-finanzjament tal-FEIS 2.0 ammont ta' EUR 275 miljun ser jiġi allokat mill-ġdid minn strumenti finanzjarji tas-CEF, li jirrappreżenta tnaqqis ta' EUR 225 miljun meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tikkonferma li l-ipprogrammar finanzjarju ser jiġi rivedut biex jirrifletti ż-żieda korrispondenti ta' EUR 225 miljun tal-programm CEF.

Fil-qafas tal-proċeduri baġitarji annwali għas-snin 2019-2020 il-Kummissjoni ser tagħmel il-proposti adatti biex jiżguraw allokkazzjoni ottimali ta' dan l-ammont fil-programm CEF.

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-governanza

Il-Kunsill ma jqisx il-preżenza ta' espert maħtur mill-Parlament Ewropew fil-laqgħat tal-bordijiet bħall-Bord ta' Tmexxija bħala karatteristika standard għall-mekkaniżmi ta' finanzjament. Huwa jfakkar li, fi kwalunkwe każ, espert bħal dan ma għandux jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-korp ikkonċernat.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, f'dan il-każ, ir-rekwiżit ewlieni tal-Bord ta' Tmexxija għat-teħid tad-deċiżjonijiet huwa l-unanimità tal-membri tiegħu bid-dritt tal-vot.

Dikjarazzjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' ripagamenti u dħul ta' strumenti finanzjarji stabbiliti skont il-QFP preċedenti mill-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit, is-Slovenja u l-Iżvezja

Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għandu regoli ċari għall-użu possibbli ta' fondi minn operazzjonijiet preċedenti ta' strumenti finanzjarji. Skont l-Art. 140(6), ir-ripagamenti annwali lil strumenti finanzjarji jistgħu jintużaw biss għall-istess strument finanzjarju jew garanzija baġitarja, filwaqt li d-dħul jista' jiddaħħal fil-baġit bħala dħul ġenerali.

Fil-kuntest tad-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar ir-reviżjoni tar-regolament finanzjarju, l-approċċ ġenerali tal-Kunsill ma jipproponi l-ebda bidla għal din ir-regola ġenerali. Filwaqt li, skont dispożizzjoni ġdida proposta fl-Art. 202(2), jista' jkun possibbli li jiġi riassenjat ammont pendenti ta' dħul mhux assenjat taħt att bażiku li għandu jitħassar jew jintemm lil strument finanzjarju ieħor li jindirizza objettivi simili, din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi eċċezzjoni u tidderoga mir-regola ġenerali. Għandu jiġi nnutat ukoll li din id-dispożizzjoni għadha mhijiex applikabbli.

Għaldaqstant, l-Istati Membri jixtiequ jenfasizzaw li l-finanzjament tal-FEIS 2.0 b'ammont ta' EUR 25 miljun mir-ripagamenti u d-dħul minn strumenti finanzjarji fl-intestatura 1a stabbiliti taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) preċedenti jikkostitwixxi eċċezzjoni assoluta u bl-ebda mod ma għandu jitqies bħala preċedent għat-trattament futur ta' dħul u ripagamenti minn strumenti finanzjarji stabbiliti taħt il-QFP preċedenti. Proposti futuri possibbli dwar l-użu ta' fondi minn operazzjonijiet preċedenti ta' strumenti finanzjarji għandhom ikunu allinjati totalment mar-regola ġenerali dwar ir-ripagamenti u d-dħul fir-regolament finanzjarju.

Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitàjiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021 ĠU L 350, 29.12.2017, p. 7-14	55/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: UK
Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni			
L-eżitu tal-ħidma tal-ICAO fir-rigward l-implimentazzjoni tal-miżura globali bbażata fuq is-suq huwa kruċjali għall-effettività tagħha u għall-kontribuzzjoni futura tas-settur tal-avjazzjoni biex jinkisbu l-oġettivi skont il-Ftehim ta' Pariġi. Huwa importanti li l-istati membri tal-ICAO, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u s-soċjetà ċivili jibqgħu jkunu involuti f'din il-ħidma tal-ICAO. F'dan il-kuntest, ser ikun neċessarju li l-ICAO taġixxi bi trasparenza sħiħa u tagħmel kuntatt mal-persuni kkonċernati kollha biex tinformahom fil-ħin dwar il-progress u d-deċiżjonijiet.			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2360 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jiffissa għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed ĠU L 337, 19.12.2017, p. 1-5		14987/17	
Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' kontroll			
Il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu bħala prijorità għolja li tiġi indirizzata l-eżistenza endemika ta' sajd IUU għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat fiż-żona ta' applikazzjoni tal-GFCM.			
Il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ għandhom tal-anqas jinżammu jew jiżdiedu aktar, kif stipulat fid-dikjarazzjoni mill-Bulgarija u r-Rumanija. L-Istati Membri rilevanti għandhom jiddedikaw l-isforzi u r-riżorsi meħtieġa biex isaħħu s-sistemi ta' kontroll tagħhom u jiżguraw l-effikaċja tal-miżuri li ġew deċiżi.			
Konferenza ta' Livell Għoli dwar is-sajd fil-Baħar l-Iswed ser tiġi organizzata mill-Kummissjoni, il-Presidenza Bulgara li jmiss tal-Kunsill u l-GFCM, fl-2018, fil-Bulgarija, biex jiġi stabbilit il-pjan direzzjonali għall-għaxar snin li ġejjin ta' azzjonijiet konkreti għas-sostenibbiltà tas-sajd fil-Baħar l-Iswed, f'konformità mal-proġett Blacksea4fish.			
Barra minn hekk, l-UE ser tfittex li tiżgura li l-GFCM tagħti attenzjoni partikolari lill-konformità sħiħa tal-Membri tagħha u tal-Kooperaturi mhux Membri tal-GFCM biex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali biex jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat fil-Baħar l-Iswed, biex jimplimentaw l-istrateġija ta' nofs it-terminu 2017-2020 adottata mill-GFCM fl-2016 u l-proġett Blacksea4fish f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Bucharest.			

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija u mir-Rumanija

Il-Bulgarija u r-Rumanija, fil-kuntest tal-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut fil-Baħar l-Iswed u filwaqt li għarfu l-importanza li titkompla l-implimentazzjoni ta' sistema robusta ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza biex l-użu tar-riżorsi tas-sajd tal-baħar ikun sostenibbli fil-Baħar l-Iswed, qed jieħdu l-impenn:

Li jsegwu u jkomplu jimplimentaw

a) Is-sajd tal-barbun imperjali

- li jinżammu l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-barbun imperjali ta' 116 għall-Bulgarija u ta' 48 għar-Rumanija u l-allokazzjoni minima għal kull dgħajsa,
- li jiġi stabbilit l-għadd rispettiv tagħhom ta' portijiet magħżula għall-ħatt l-art, 8 għall-Bulgarija u 10 għar-Rumanija, għas-simplifikazzjoni tal-kontroll tal-ħatt l-art,
- li titkompla l-politika stretta għar-reġistrazzjoni tal-qabdiet kollha, inkluż dawk ta' anqas minn 50 kg, fil-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt u n-noti tal-bejgħ korrispondenti tal-bastimenti awtorizzati kollha,
- li jinżammu, tal-anqas fil-livell tal-2017, l-għadd ta' spezzjonijiet tas-suq u ta' spezzjonijiet fuq il-baħar, inkluż matul l-istaġun magħluq, abbażi ta' metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju u skeda ta' żmien maqbula mal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA),
- li jinżammu jew jiżdiedu fl-2018 l-azzjonijiet konġunti ta' spezzjoni taħt il-koordinazzjoni tal-EFCA, inkluż kontrolli fuq il-baħar, waqt il-ħatt l-art, fis-swieq kif ukoll il-monitoraġġ tat-trasport tal-ħut bit-triq,
- li jkun hemm monitoraġġ tal-qbid skartat fis-sajd tar-rapa wheelk (Rapana venosa), sabiex jiġi vvalutat l-impatt fuq il-barbun imperjali u l-mazzola ta' età żgħira, f'komplimentarjetà mad-dispożizzjonijiet tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-GFCM għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed,
- li tkun provduta d-data kollha tas-sajd u dik bijoloġika disponibbli għall-qbid tal-barbun imperjali mill-2010 'il quddiem,
- li jiżdied b'10 % il-kontroll fuq il-baħar tal-implimentazzjoni tal-immarkar u l-identifikazzjoni tal-irkaptu statiku skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea,
- li jiġu sorveljati statistikament l-importazzjonijiet/esportazzjonijiet tal-barbun imperjali lejn u mill-Unjoni Ewropea,
- li jkun hemm ħidma mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 (Pjan ta' Azzjoni Pluriennali għall-barbun imperjali) kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meqjusa meħtieġa biex tindirizza r-rappurtar ħażin, is-sajd IUU għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed u l-kummerċjalizzazzjoni tal-qabdiet illegali mwettqa fir-reġjun.

b) Sajd tal-mazzola griża

- li fl-2018 il-qabdiet rispettivi tagħhom tal-mazzola griża jinżammu fil-livell tal-qabdiet tagħhom għall-2015, u li kull tliet xhur jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet meħuda biex jintlaħaq dan l-oġġettiv,
- li titkompla l-implimentazzjoni tal-politika stretta adottata fl-2016 għar-reġistrazzjoni tal-qabdiet kollha, inkluż dawk ta' anqas minn 50 kg, fil-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt u n-noti tal-bejgħ korrispondenti tal-bastimenti awtorizzati kollha kif ukoll bastimenti b'qabdiet aċċessorji tal-mazzola.
- li jitwettaq proġett pilota matul l-2018 dwar il-qbid skartat tal-mazzola (<90 cm tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni).

c) Data dwar is-Sajd

- fid-dawl ta' tisħiħ ulterjuri tal-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd u tat-titjib tal-parir xjentifiku fil-Baħar l-Iswed, il-Bulgarija u r-Rumanija jieħdu l-impenn li jipprovdu data bijoloġika u dwar is-sajd għall-ispeċijiet kollha koperti mill-qafas ta' ġbir ta' data, sabiex jappoġġaw l-għarfien xjentifiku f'dan il-qasam.

Konsegwentement, il-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' Kontroll tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-2018 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmiha hawn fuq.

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fir-rigward ta' proposta biex jiġi emendat l-Anness II tal-Protokoll dwar żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran fl-għoxrin laqgħa ordinarja tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u r-reġjun kostali tal-Mediterran

14694/17

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2423 tal-11 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli
ĠU L 343, 22.12.2017, p. 67-69

14375/17

It-3587 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret fi Brussell fil-11 ta' Diċembru 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-Fond fiduċjarju Bêkou tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana: bidu promettenti minkejja xi nuqqasijiet"	15569/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2016 dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II	15571/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2283 tal-11 ta' Diċembru 2017 b'appoġġ għal mekkaniżmu globali ta' rappurtar dwar armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u armi konvenzjonali oħrajn u munizzjoni illeċiti biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tagħhom ("iTrace II") ĠU L 328, 12.12.2017, p. 20-31	14327/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2282 tal-11 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 328, 12.12.2017, p. 19-19	14135/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	15633/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2284 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jingħata appoġġ lil Stati fir-reġjuni tal-Afrika, tal-Asja u l-Paċifiku u tal-Amerka Latina u l-Karibew biex jipparteċipaw fil-proċess konsultattiv tal-grupp preparatorju ta' esperti ta' livell għoli dwar it-trattat għall-waqfien tal-produzzjoni ta' materjal fissili ĠU L 328, 12.12.2017, p. 32-37	14554/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tajlandja	15583/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57-77	14866/1/17 REV 1

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

B'kont meħud tal-prinċipji ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), kif innizzla fl-Anness I għan-Notifika dwar il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti tat-13 ta' Novembru 2017, b'mod partikolari l-prinċipji li ġejjin:

L-Istati Membri parteċipanti ser jonoraw l-impenji vinkolanti tagħhom, u b'hekk jikkonfermaw li l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti ser jitwettqu f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tat-TUE u l-protokoll tiegħu u fir-rispett tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri;

Il-parteeċipazzjoni fil-PESCO hija volontarja u tħalli is-sovranità nazzjonali mhux mittiefsa;

il-Ġermanja tiddikjara l-fehim tagħha li d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, b'mod partikolari l-Artikolu 3 il-paragrafu 1, li jaqra: Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 10 u l-kompiti msemmija fl-Artikolu 2 ta' dak il-Protokoll, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu kontribuzzjonijiet li jissodisfaw l-impenji aktar vinkolanti li jkunu ħadu lejn xulxin kif indikat fl-Anness." ma jbidlux is-sustanza tal-impenji li l-Istati Membri ħadu lejn xulxin skont l-Artikolu 46 il-paragrafu 1 TUE u l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 10.

Il-Ġermanja taqbel mad-Deċiżjoni tal-Kunsill bil-fehim li tali ftehim hu mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet baġitarji futuri tal-Bundestag Ġermaniż u li ma jistax jillimita jew jirrestrinġi l-awtorità kostituzzjonali tal-leġislatur li jadotta l-baġit, u li tali qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill ma jista' bl-ebda mod jiġi interpretat bħala qbil mat-trasferiment ta' drittijiet sovrani tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja lill-Unjoni Ewropea.

Il-Ġermanja tinsab impenjata bis-sħiħ lejn il-PESCO bħala qafas legali Ewropew ambizzjuż, vinkolanti u inklużiv għal investimenti fis-sigurtà u d-difiża tat-territorju tal-UE u ċ-ċittadini tagħha. Il-PESCO tipprevedi wkoll qafas politiku kruċjali għall-Istati Membri kollha biex itejbu l-assi militari u l-kapaċitajiet ta' difiża rispettivi tagħhom permezz ta' inizzjattivi kkoordinati tajjeb u proġetti konkreti bbażati fuq impenji aktar vinkolanti.

Bħala Stat Membru Parteċipanti, il-Ġermanja ser tissodisfa l-impenji l-aktar vinkolanti kif maqbul fin-Notifika tat-13 ta' Novembru 2017.

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija ser timplimenta d-deċiżjoni skont il-leġislazzjoni baġitarja tagħha.

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja

B'kont meħud tal-prinċipji tal-PESCO, kif imniżżla fl-Anness I għan-Notifika dwar il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti tat-13 ta' Novembru 2017, b'mod partikolari l-prinċipji li ġejjin:

L-Istati Membri parteċipanti ser jonoraw l-impenji vinkolanti tagħhom, u b'hekk jikkonfermaw li l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti ser jitwettqu f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tat-TUE u l-protokoll tiegħu u fir-rispett tad-dispożizzjonijiet konstituzzjonali tal-Istati Membri;

Il-parteeipazzjoni fil-PESCO hija volontarja u tħalli is-sovranità nazzjonali mhux mittiefsa;

L-Iżvezja tiddikjara l-fehim tagħha li d-dispożizzjonijiet tad-Deċizzjoni tal-Kunsill, b'mod partikolari l-Artikolu 3 il-paragrafu 1, li jaqra: Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 10 u l-kompiti msemmija fl-Artikolu 2 ta' dak il-Protokoll, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu kontribuzzjonijiet li jissodisfaw l-impenji aktar vinkolanti li jkunu ħadu lejn xulxin kif indikat fl-Anness." ma jbidlux is-sustanza jew il-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji li l-Istati Membri ħadu lejn xulxin skont l-Artikolu 46 il-paragrafu 1 TUE u l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 10.

L-Iżvezja taqbel mad-deċizzjoni tal-Kunsill bil-fehim li tali ftehim hu mingħajr preġudizzju għal deċizzjonijiet baġitarji futuri tal-Parlament Nazzjonali u li d-deċizzjoni ma tillimitax u ma tirrestrinġix l-awtorità konstituzzjonali tal-leġislatur, u li l-qbil tal-Iżvezja mad-Deċizzjoni tal-Kunsill ma jista' bl-ebda mod jiġi interpretat bħala qbil mat-trasferiment ta' drittijiet sovrani tal-Iżvezja lill-Unjoni Ewropea.

L-Iżvezja hija impenjata bis-sħiħ lejn il-PESCO, kif deskritta fin-Notifika tat-13 ta' Novembru 2017, bħala qafas legali Ewropew ambizzjuż, vinkolanti u inklużiv għal investimenti fis-sigurtà u d-difiża tat-territorju tal-UE u ċ-ċittadini tagħha, li tipprovdi wkoll qafas politiku kruċjali għall-Istati Membri kollha biex itejbu l-assi militari u l-kapaċitajiet ta' difiża rispettivi tagħhom permezz ta' inizzjattivi kkoordinati sew u proġetti konkreti bbażati fuq impenji aktar vinkolanti.

Bħala Stat parteċipanti, l-Iżvezja ser tissodisfa l-impenji l-aktar vinkolanti kif maqbul fin-Notifika tat-13 ta' Novembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill "Niksba l-Prosperità Inklużiva u Sostenibbli permezz tal-Kummerċ u l-Investment: Aġġornament tal-Istrateġija konġunta tal-UE dwar Għajnuna għall-Kummerċ"

15573/17

It-3588 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2017/2461 tat-12 ta' Diċembru 2017 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ĠU L 348, 29.12.2017, p. 36-37	14966/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika	15587/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2302 tat-12 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa l-attivitajiet tal-OPCW għal assistenza fl-operazzjonijiet ta' tindif ta' dak li kien is-sit ta' ħażna tal-armi kimiċi fil-Libja, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva ĠU L 329, 13.12.2017, p. 49-54	14467/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2303 tat-12 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/DEC.1 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva ĠU L 329, 13.12.2017, p. 55-60	14914/17
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija u fil-Grupp Permanenti ta' Livell Għoli tal-Komunità tal-Enerġija (Pristina, 14 ta' Diċembru 2017)	15124/17

Dikjarazzjoni mil-Litwanja

Waħda mill-kwistjonijiet fuq l-aġenda tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija tal-14 ta' Diċembru 2017 li jeħtieġ li dwarha tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea hi l-approvazzjoni tad-deċizzjoni tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija li r-Repubblika tal-Belarusija tiġi aċċettata bħala osservatur fil-Komunità tal-Enerġija.

Il-Litwanja tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni Ewropea għall-kuntest li huwa importanti fir-rigward tal-kwistjoni tat-talba tal-Belarusija biex issir osservatur fil-Komunità tal-Enerġija, b'mod partikolari, il-kwistjoni tal-konformità min-naħa tal-Belarusija mal-oġġla standards ta' sikurezza nukleari waqt li qed tibni l-Impjant tal-Enerġija Nukleari f'Ostrovets qrib ħafna tal-fruntiera Litwana u dik tal-UE.

S'issa dan il-proċess ma kienx wieħed trasparenti u għe rikonoxxut ksur ta' ftehimiet internazzjonali dwar il-parteċipazzjoni pubblika u l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali mill-korpi rispettivi tal-Konvenzjoni ta' Espoo u dik ta' Aarhus. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, jidher ċar li l-Impjant tal-Enerġija Nukleari f'Ostrovets jikkostitwixxi theddida multidimensjonali mhux biss għal-Litwanja, iżda wkoll għall-UE b'mod ġenerali. Dan għe rikonoxxut ukoll reċentement mill-Kummissjoni Ewropea.

Minkejja li l-Belarusija impenjat ruħha li twettaq is-simulazzjonijiet ta' kriżi tal-UE lura fl-2011, dan għe pospost kontinwament. Huwa biss wara li saret pressjoni twila u persistenti mil-Litwanja u l-UE li l-Belarusija fl-aħħar ippreżentat ir-rapport nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni Ewropea fil-bidu ta' Novembru 2017. Madankollu, jenħtieġ li jiġi enfasizzat li l-preżentazzjoni tar-rapport nazzjonali hi biss l-ewwel pass proċedurali u prekondizzjoni biex jitnieda l-proċess tal-evalwazzjoni bejn il-pari, li jrid issir minn grupp ta' esperti mill-Istati Membri tal-UE li jevalwaw ir-rapport nazzjonali, jagħmlu mistoqsijiet dwaru, iwettqu żjara fil-post u fl-aħħar nett joħorġu rakkomandazzjonijiet għall-Belarusija. Il-fatt li r-rapport nazzjonali jkun għe ppreżentat ma jagħti ebda informazzjoni dwar l-aspetti marbutin mas-sikurezza. Għalhekk, nikkonfermaw bis-sħiħ il-pożizzjoni li mhuwiex biżżejjed li jsir biss progress proċedurali biex titnieda l-kooperazzjoni tal-UE mal-Belarusija f'formati bilaterali jew multilaterali.

Il-Litwanja tesiġi b'mod konsistenti li kwalunkwe kooperazzjoni u djalogu mal-Belarusija fil-qasam tal-enerġija għandhom isiru bil-kondizzjoni li jsir progress mill-Belarusija fl-implimentazzjoni tal-oġġla standards ta' sikurezza nukleari u l-Kummissjoni sostniet l-istess pożizzjoni b'mod konsistenti. Jidher ċar li l-progress proċedurali li sar reċentement kien possibbli biss minħabba dan l-approċċ kondizzjonali u dan juri b'mod ċar li jenħtieġ li jinżamm f'każ li nkunu rridu li jsir progress ulterjuri ġenwin fil-finalizzazzjoni tas-simulazzjonijiet ta' kriżi u li l-Belarusija timplimenta r-rakkomandazzjonijiet futuri. Filwaqt li l-istatus ta' osservatur ma jagħti l-ebda dritt ta' vot u ma joħloq l-ebda dritt u obbligu komparabbli għall-istatus ta' Parti Kontraenti, madankollu, l-għoti ta' dan l-istatus ikun sinjal politiku ċar u qawwi min-naħa tal-UE li qed tilqa' lill-Belarusija fi ħdan organizzazzjoni internazzjonali stabbilita mill-UE u għalhekk li tapprova l-prattiki tagħha fil-qasam tal-enerġija, inkluż is-sikurezza nukleari.

Għalhekk, il-Litwanja tissuġġerixxi bis-sħiħ li dan il-punt jitneħħa mill-aġenda tal-Kunsill Ministerjali. Il-kwistjoni tal-għoti tal-istatus ta' osservatur tista' tiġi kkunsidrata matul is-16-il Kunsill Ministerjali fil-ħarifa tal-2018 wara li jsiru l-evalwazzjoni tar-rapport u r-rakkomandazzjonijiet fir-rebbiegħa tal-2018.

It-3590 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija), li saret fi Brussell fit-18 ta' Diċembru 2017**ATTI MHUX LEĠISLATIVI**

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekoinnovazzjoni: biex tkun tista' ssir transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari	15811/17

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Fi spirtu ta' kunsens, ir-Repubblika Ċeka appoġġat il-Konklużjonijiet tal-Kunsill kif approvati. Madankollu, matul il-proċedura kollha tan-negozjati, ir-Repubblika Ċeka kienet qed tesprimi t-tħassib tagħha b'rabta mar-referenzi għall-inizjattivi l-ġodda (b'mod partikolari l-istabbiliment tal-"kriterji ta' sostenibbiltà u ċirkolarità tal-prodott u l-użu tagħhom") fit-test kollu. Ir-Repubblika Ċeka tixtieq tenfasizza l-importanza tal-istrumenti eżistenti u l-effiċjenza amministrattiva tagħhom. Ma għandu jiġi stabbilit l-ebda strument ġdid qabel ma ssir analiżi tal-istrumenti eżistenti b'rabta mal-impatt tagħhom fuq is-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità tal-prodotti. Ir-Repubblika Ċeka temmen li l-istrumenti eżistenti diġà jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa. Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat li l-istabbiliment ta' strumenti ġodda mhux biss jista' jkun jiswa ħafna flus iżda jista' wkoll joħloq konfużjoni kemm għall-kumpanniji kif ukoll għall-konsumaturi.

Filwaqt li tenfasizza li l-Ekotikketta tal-UE u l-EMAS ilhom jeżistu 25 sena, ir-Repubblika Ċeka tinsab konvinta li għandha tintuża l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' strumenti bi storja daqstant twila. F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Ċeka tinsab konvinta li jenħtieġ li jintużaw primarjament strumenti diġà eżistenti li wrew li huma effiċjenti¹.

F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Ċeka tixtieq ukoll tistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa r-risultati tal-fażi pilota dwar l-iżvilupp tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti (PEF) u tal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjoni (OEF). B'rabta ma' dan, ir-Repubblika Ċeka tixtieq tenfasizza li huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-iskemi volontarji tal-PEF u l-OEF iridu jipprovdu data ambjentali preċiża li tista' titkejjel u titqabbel.

¹ 11312/17 - COM(2017) 355 final; Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 122/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) u r-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-Ekotikketta tal-UE.

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għat-tiġdid tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd ma' São Tomé u Príncipe	15635/17
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni	
Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva.	
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni	
Skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, il-Kummissjoni tirrikonoxxi għalkollox l-importanza tal-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ħtieġa konsegwenti li tiġi żgurata implimentazzjoni kif suppost tal-kunċett tal-eċċessi, kif definit fl-Artikolu 62(2) tal-UNCLOS, b'mod partikolari meta l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-protokoll li assoċjati jirregolaw l-aċċess tal-flotta esterna tal-UE għal riżorsi distribwiti fl-ilmijiet tal-pajjiż sieheeb. Madankollu, rigward l-Artikolu 64 tal-UNCLOS u l-Artikolu 31(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni tqis li l-kunċett ta' eċċessi japplika inqas għall-attivitajiet tas-sajd li jisfruttaw speċijiet li jpassu ħafna, fejn l-oġettivi ta' ġestjoni u l-miżuri ta' ġestjoni – ir-regoli dwar aċċess ta' prijetorità, il-qabda, il-kapaċità jew il-limiti tal-isforz tas-sajd, u l-kondiviżjoni ta' għodod fejn ikun rilevanti – għandhom jiġu stabbiliti primarjament fil-livelli reġjonali jew sottoreġjonali mill-Partijiet Kontraenti għall-Organizzazzjonijiet ta' Ġestjoni tas-Sajd Reġjonali, b'kont debitu meħud tal-pariri xjentifiċi rilevanti.	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2456 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteeipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ĠU L 348, 29.12.2017, p. 23-24	11964/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2457 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteeipazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ĠU L 348, 29.12.2017, p. 25-26	11965/17

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2458 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ĠU L 348, 29.12.2017, p. 27-28	11966/17
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/2466 tat-18 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 351, 30.12.2017, p. 1-6	15430/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/15 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE ĠU L 4, 9.1.2018, p. 13-15	14040/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/4 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tar-regoli ta' proċedura tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE ĠU L 2, 5.1.2018, p. 5-10	14036/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2408 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 342, 21.12.2017, p. 8-9	15364/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2409 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza lill-Iżvezja tapplika rata mnaqqa tad-dazju tas-sisa fuq l-elettriku kkonsmat minn familji u kumpaniji fis-settur tas-servizzi li jinsabu f'ċerti żoni fit-Tramuntana tal-Iżvezja f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE ĠU L 342, 21.12.2017, p. 10-12	15365/17
Rapport Speċjali Nru 10/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Jenħtieġ li l-appoġġ li jingħata mill-UE lil bdiewa żgħażagħ ikun immirat aħjar biex jitrawwem tiġdid ġenerazzjonali effettiv"	15238/17

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2462 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza lil-Lussemburgu u lir-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Georgia u tal-Afrika t'Isfel mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ĠU L 348, 29.12.2017, p. 38-40	13581/17
Dikjarazzjoni mill-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna. Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, konsegwentement jieħdu sehem fl-adozzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza lil-Lussemburgu u r-Rumanija jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Georgia u l-Afrika t'Isfel mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2463 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza lill-Kroazja, lin-Netherlands, lill-Portugall u lir-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ĠU L 348, 29.12.2017, p. 41-42	13585/17
Dikjarazzjoni mill-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna. Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, konsegwentement jieħdu sehem fl-adozzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza lill-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' San Marino mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.	

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2424 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza lir-Rumanija biex taċċetta, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni taċ-Ċili, tal-Iżlanda u tal-Bahamas mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ĠU L 343, 22.12.2017, p. 70-72	13586/17
Dikjarazzjoni mill-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna. Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, konsegwentement jieħdu sehem fl-adozzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza lir-Rumanija taċċetta, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni taċ-Ċili, l-Iżlanda u l-Bahamas mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2464 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza lill-Awstrija u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ĠU L 348, 29.12.2017, p. 43-45	13587/17
Dikjarazzjoni mill-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna. Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, konsegwentement jieħdu sehem fl-adozzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza lill-Awstrija u r-Rumanija jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Panama, l-Urugwaj, il-Kolombja u El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.	

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-identità	15862/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/13 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Serbja dwar il-parteċipazzjoni tas-Serbja bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-modalitajiet rispettivi tagħha, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 ĠU L 4, 9.1.2018, p. 5-8	9876/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/14 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Albanija dwar il-parteċipazzjoni tal-Albanija bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-modalitajiet rispettivi tagħha, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 ĠU L 4, 9.1.2018, p. 9-12	9877/16
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza tagħha, fit-tliet laqgħat li jmiss tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Baleni inkluż il-laqgħat intersessjonali relatati	14970/17
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mal-Istitut Dinji għat-Tkabbir Ekoloġiku għal ftehim dwar arranġament fir-rigward tas-sħubija tal-Unjoni Ewropea	14875/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2371 tal-18 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) ĠU L 337, 19.12.2017, p. 34-34	15055/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2434 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Konġunt u dawk tal-Kumitat Konġunt ĠU L 344, 23.12.2017, p. 26-35	14298/17

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2433 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fis-Sottokomitat Doganali stabbilit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, b'rabta mas-sostituzzjoni tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, bi protokoll ġdid li jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji ĠU L 344, 23.12.2017, p. 21-25	14140/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2425 tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat ta' Assoċjazzjoni li jiltaqa' fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-pjan direzzjonali komprensiv ippreżentat mir-Repubblika tal-Moldova f'relazzjoni mal-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-qasam tal-akkwist pubbliku ĠU L 343, 22.12.2017, p. 73-76	14583/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2370 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ĠU L 337, 19.12.2017, p. 28-33	11474/17

Proċedura bil-miktub konklużi fil-21 ta' Diċembru 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2467 tal-21 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 351, 30.12.2017, p. 7-54	15659/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2426 tal-21 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ĠU L 343, 22.12.2017, p. 77-77	15711/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2427 tal-21 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja ĠU L 343, 22.12.2017, p. 78-78	15126/17
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/2415 tal-21 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 356/2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja ĠU L 343, 22.12.2017, p. 33-34	15286/17